XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 438***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 66***
***Il-Gimgha 23 ta' Marzu 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

| | | |
|---|---|---|
| *Dr Monica Vella* | - | *Sindku* |
| *Dr Marthese Portelli* | - | *Kunsilliera* |
| *Mr. Hubert Saliba* | - | *Kunsillier* |
| *Mr Teddy Mizzi* | - | *Kunsillier* |

*Skuzat: Joseph Vella V/Sindku*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

**1. Il-Fidwa 2012**

Il-Kunsill iddecieda li jaghmel xemgħa minflok fjakli fit-toroq li minnhom ser jgħaddu l-miġja tas-suldati fuq iz-zwiemel. Il-Kunsill ser iqassam bieb bieb ix-xemgħa lir-residenti ta' dawn it-toroq biex ikunu jistgħu jixegħlu x-xemgħa quddiem il-faċċata tar-residenza taghħom. Ghal din l-attivita' ser jiġu ordnati tliet gwardjani u l-pulizija ta' l-għassa biex jgħalqu bil-barriers minn fejn ser jgħaddu s-suldati. Il-Kunsill ser jibħgat ukoll ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq biex jikkoperaw biex din l-attivita' tirnexxi.

**2. Offerti**

i. Offerta għar-Restawr ta' l-Istruttura Rurali fil-Gnien ta' Blankas.

Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm tlett offerti. Is-Sindku iddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarget mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha mal-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-offerti kienu:- Puis Attard-32,344.51, GV Gozo Developments-

22,390.50, Gatt Tarmac Ltd-19,913.04. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill għazel l-orħos offerta ta' Gatt Tarmac Ltd.

ii. Offerta għat-Tindif tal-Gnien ta' Blankas.

Is-Sindku giet infurmata li tista terga tidhol fil-kamra tal-laqghat. Is-Sindku regget dahlet fil-kamra tal-laqghat.

Il-Kunsill fetaħ l-offerti. Kien hemm zewgt offerti. Is-Sindku iddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarget mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha mal-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. L-offerti kienu:-GV Gozo Develpment -12,921.00, Gatt Tarmac Ltd-15,204.30. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill ghazel l-orhos offerta ta GV Gozo Developments.

**3. Ħarġa għall-Anzjani ta' l-Għid il-Kbir**

Is-Sindku giet infurmata li tista terga tidhol fil-kamra tal-laqghat. Is-Sindku regget dahlet fil-kamra tal-laqghat.

Ser issir il-ħarga għall-anzjani fit-31 ta' Marzu li ssir annwalment fl-Għid. L-anzjani ser iżuru diversi wirjiet li huma marbuta mal-passjoni u wara ssir ikla ta'nofsinhar. Il-Kunsill ser joħroġ avviz mal-bulletin biex min hu interessat jigi japplika. Il-prezz se jkun ta' ħames euro kull persuna.

**4. Fiori d'Argenta**

Din l-attivita' ser tkun maqsuma fi tlett ijiem 15, 16, 17 ta' Gunju. Il-Kunsillier Hubert Saliba issuġġerixxa li issir il-Ħuġġiega ta' San Gwann f'din l-attivita'. Is-Sindku wriet ix-xewqa li jsir 'Carnival in June' fejn jieħdu sehem diversi zeffiena, karrijiet u maskri grotteski u xi item tal-hilarious. Is-Sindku issuġġerit ukoll li l-iskola għandha tigi mistiedna ittella' ix-show Mary Poppins li kienet diga saret f'Jum ic-Celebrazzjoni. Hekk it-tfal ma jkunux imhabbtin b'hafna rehearsals. Il-kunsillier Teddy Mizzi għandu jkellem lil George Mizzi biex jgħin f'din ix-show. Gie diskuss ukoll is-suġġeriment ta' Frans Galea biex isir Premju Gieħ iz-Zagħzagħ f'din l-attivita' u l-Kunsill qabel li għandhom jintuzaw ir-regolamenti ta' Gieh ix-Xewkija. Peress li din l-attivita' tinvolvi ħafna xogħol il-kunsill qabel li għandu jinħatar sotto kumitat biex ikun jista' jinqasam ix-xogħol. Gie avvicinat Donald Camilleri biex jagħmel wirja tal-arloġġi tad-deheb u antikitajiet. L-Għaqda Drammatika tax-Xewkija wegħdet ukoll li ser ittella' xi produzzjoni f'din l-attiva'. Il-Kunsill ipprova jagħmel kuntatt ma' Jolene Camilleri biex naraw tistax ittella' xi show taz-zfin. Is-Sindku ser tipprova tagħmel kuntatt magħha aktar tard. Giet diskussa ukoll il-possibilita' li tittella' fashion show minn ħanut lokali.

**5. Open Storage fil-Limiti tax-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali irċieva ittra għal-laqgħa mal-MEPA fir-rigward ta' zewg zoni magħrufa bhala Ta' Briegħen f'Ghajnsielem u il-Misrah fix-Xewkija fejn huwa

propost li operaturi li jeħtiegu open storage areas inqas minn 1000 metru kwadru jkunu jistgħu jaħznu ingenji kbar etc. fihom. Din il-laqgħa saret fl-ufficcju tal-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2012 fis-13:00. Prezenti mill-MEPA kien hemm Chris Attard, Samara Bezzina u Alexei Zammit u mill-Kunsill kien hemm is-Sindku, il-Kunsillier Huber Saliba, il-Kunsillier Teddy Mizzi u S-Segretarju Ezekuttiv. Ir-rapprezentati tal-MEPA infurmaw il-Kunsill li l-MEPA kienet qed tħejji policy għall-Open Storage f'Għawdex u spjegaw din il-materja.

Il-Kunsill ried ikun jaf għaliex ġew identifikati dawn iz-zewg postijiet imsemmija biss u għaliex kollox qed jispiċċa gox-Xewkija. Il-Kunsill qal li iz-zona fix-Xewkija m' hiex adekwata peress li tigi ezatt ma' genb il-heliport. Għalhekk din iz-zona hija frekwentata mit-turisti li jagħmlu uzu min dan is-servizz. Barra minnhekk din iz-zona hija iffrekwentata minn ammont kbir ta' nies u turisti li jagħmlu passigati f'din iz-zona. Jekk issir Open Storage f'din iz-zona ser tkun eyesore għal l-ambjent u anke nispiċċaw bit-tniġġis ta' l-arja. Din iz-zona tikkonfina ukoll mall-Park Regjonali ta' Mgarr ix-Xini, progett tal-Kunsilli ta' x-Xewkija u Sannat biex Għawdex ikollu zona naturali u post ta' rikrijazzjoni mhux mitifsa għat-tgawdija tal-pubblika in generali. Punt ieħor li tqajjem kien li l-volum tat-traffiku li ser jidħol ix-Xewkija ser jizdied. Barra minnhekk f'din iz-zona hemm diversi kalati (cart ruts) u anke dolmens antiki li huma protteti mill-MEPA u għalhekk m'għandux issir post għall-Open storage f'dawn l-inħawi.

Il-Kunsill qal li fiz-zona ta' Briegħen f'Għajnsielem, li tigi ezatt mal-konfini tax-Xewkija, hemm ħarrub antik ħafna li skond il-MEPA għandhom jigu protetti.

Il-Kunsill issuġġerixxa li jkun wisq aħjar kieku jintuzaw barriera vojta minflok li jintuzaw raba ta' ħamrija li hija tajba, kif hemm f'dawn iz-zewg zoni. Il-Kunsill għandu jikteb il-MEPA is-suġġerimenti tiegħu.

Is-Segretarja tal-Kunsill u s-Sindku attendew ukoll il-laqgħa f'isem il-Kunsill li saret l-NGO centre fl-21 ta' Marzu 2012 mid-9:00 sa' 12:00. F'din l-laqgħa kien hemm ħafna minn dawk prezenti li kienu kontra din id-draft policy in partikulari li f'Għawdex ikun hawn zona waħda biss għal l-Open storage minflok li kull raħal ikollu iz-zona tiegħu.

## 6. Trasport Pubbliku

Is-Sindku infurmat il-Kunsill li s-servizz tal-karozza tal-linja biex tkopri ir-rotta ta' l-inħawi magħrufa ta' Hanzira għadu ma bedix. Il-Kunsill ser jerġgħa iressaq dan l-ilment mat-TM. Ser tintbgħat ittra ta' reminder f'dan ir-rigward.

## 7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

XEWKIJA

## 8. Ilmenti u Suġġerimenti

i. Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex issir ftit cement ħdejn il-ġenb taz-zuntier fejn issir iċ-ċena. Il-Kunsill ser jibgħat il-ħaddiema jagħmlu dan ic-cement.

ii. Lorrie Zammit f'isem il-KIP bagħat ilment fuq Triq San Leonardo biex issir il-patching. Il-Kunsill qal li din it-triq għandha bzonn ammont kbir ta' patching li ser jiswa' ħafna flus lill-Kunsill. Is-Sindku issuġerit li nitolbu lid-dipartiment jekk din it-triq nistgħu napplikaw għaliha biex issir mill-ġdid taħt l-iskema ta' toroq li għandhom aktar minn 80% ħsara.

iii. Paul Attard talab li jittella' il-ħajt li jifred ir-raba' tiegħu minn Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber. Dan il-hajt kien inbeda mill-Waste Serve Malta Ltd izda dan ix-xoghol ma tkomplix. Il-Kunsill ser jibghat reminder lill-Wasteserv biex dan il-ħajt jitkompla kemm jista' jkun malajr.

iv. Il-Kunsill qed jirċievi diversi ilmenti dwar il-knis u l-qtugħ tal-ħaxix ġo diversi toroq. Il-Kunsill qal li ma jistax jibqa' f'din is-sitwazzjoni li irid joqgħod jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur kontinwanment fuq in-nuqqas ta' tindif li hawn fir-raħal. Ser tintbgħat ittra f'dan ir-rigward u l-kuntrattur ser jigi imfakkar li fil-jiem li ġejjien għandu jieħu ħsieb ukoll partikularment id-dawra tal-purċissjoni tad-duluri mingħajr ma jonqos mix-xogħol tiegħu fil-bqija tar-raħal.

## 7. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fl-10:00p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |